MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 627/2013

Albert **F.S. Manduca Limited [C-247]**

**Vs**

**Joseph Pace Vincenti [ID. Nru. 133858M] taht l-isem kummercjali Suqlandia Confectionery**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-1 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elfejn hames mija tlieta u sittin euro u tnejn u sittin centezmi ta' euro [€2,563.62c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-socjeta attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-socjeta attrici is-somma ta' elfejn, hames mija u tlieta u sittin euro u tnejn u sittin euro centezmi (€2,563.62) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilek mibjugha u kkonsenjata izda mhux imhallsa hekk kif jirrizulta mis-statements annessi u mmarkati bhala Dok. A".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat giet debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-12 ta’ Marzu, 2014 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-12 ta’ Marzu, 2014 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elfejn hames mija tlieta u sittin euro u tnejn u sittin centezmi ta’ euro [€2,563.62c], bl-imghax jibda jiddekorri mid-data ta’ meta l-ammonti kienu dovuti.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------